IL-KNISJA F'MALTA

24 ta' Mejju 2016

# Griżma tal-Isqof u l-Ewwel Tqarbina għat-tfal tal-emigranti

Il-Kummissjoni Emigranti tixtieq tavża li l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof għal ulied l-emigranti Maltin ser issir nhar **l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2016**.

Biex ulied l-emigranti jkunu jistgħu jersqu għal dawn is-sagramenti, ikun meħtieġ:

1. Li t-tfal ikollhom 7 snin magħluqa għall-Ewwel Tqarbina u 12-il sena magħluqa għall-Griżma tal-Isqof.
2. Li jippreżentaw:
   - Iċ-Ċertifikat tal-Magħmudija;
   - Iċ-Ċertifikat tal-Ewwel Tqarbina jekk tkun ser issir il-Griżma;
   - Permess bil-miktub tal-kappillan tal-parroċċa tagħhom barra minn Malta;
   - Ċertifikat ta' attendenza tal-kors preparattiv għas-sagrament li jkunu ser jagħmlu.
3. Kemm it-tfal kif ukoll il-ġenituri huma mistennija jattendu għall-laqgħat li ser isiru f'Dar l-Emigrant, il-Belt Valletta.

Il-Kummissjoni Emigranti ma taċċettax li jersqu tfal għal dawn is-Sagramenti bla preparazzjoni u bla permess tal-kappillan tal-parroċċa tagħhom barra minn Malta.

Il-ġenituri li jixtiequ li uliedhom jersqu għas-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina jew/u tal-Griżma għandhom japplikaw **sal-aħħar ġimgħa ta' Ġunju.**

Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntattjaw lill-Kummissjoni Emigranti fuq:

**Indirizz:** Kummissjoni Emigranti, Misraħ Kastilja, Valletta, Malta

**Telefon:** (00356) 21222644 / 21240255 / 21232545

**Fax:** (00356) 21240022

**E-mail:** cecmalta@mecmalta.com

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2590 6238
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**